**L.S … of 2025**

**L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-I*STANDARDS* GĦALL-PERSUNI ANZJANI (KAP. 640)**

**Regolamenti dwar *Standards* Regolatorji għal Servizzi Residenzjali Għall Persuni Anzjani inklużi Persuni li jgħixu bid-Dimenzja, 2025**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar l-Awtorità tal-I*standards* għall-Persuni Anzjani, il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar *Standards* Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani inklużi Persuni li jgħixu bid-Dimenzja, 2025.

Skop.
Kap. 640

**2.** Dawn ir-regolamenti, permezz tal-Iskeda, jelevaw l-I*standards* Soċjali Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għall-Anzjani inklużi Persuni li jgħixu bid-Dimenzja, għal status ta' liġi sussidjarja taħt l-Att dwar l-Awtorità tal-I*standards* għall-Persuni Anzjani.

Tifsir.

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliemma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 640.
"Att" tfisser l- Att dwar l-Awtorità tal-I*standards* għall-Persuni Anzjani;

Kap. 640.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani kif stabbilita permezz tal-Att XXXVIII ta' 2023, l-Att dwar Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani;

"imġiba diffiċli" tfisser imġiba ta' tali intensità, frekwenza, jew tul ta' żmien esebita mir-residenti, li tiskattata minn fatturi intrinsiċi jew estrinsiċi, u li għandha l-potenzjal li tikkawża ħsara fiżika, emozzjonali u/jew psikoloġika lir-residenti stess jew lil persuni oħra madwarhom. Mingħajr appoġġ adegwat, din l-imġiba x'aktarx tillimita jew timpedixxi l-aċċess għal ċerti servizzi jew faċilitajiet;

"drittijiet ċivili" tfisser id-drittijiet konferiti lill-persuni permezz tal-Liġijiet ta' Malta;

"indeboliment konjittiv" tfisser kundizzjoni bħal, iżda mhux limitata għal, puplesija, korriment fil-moħħ, diżabilità fl-iżvilupp, mard deġenerattiv fil-moħħ, jew espożizzjoni għal sustanzi tossiċi, li tikkawża, temporanjament jew permanentement, diffikultajiet fil-funzjonijiet ta' kuljum bħal memorja, konċentrazzjoni, fehim, teħid ta' deċiżjonijiet, jew komunikazzjoni, jew kwalunkwe diffikultà oħra li tista' taffettwa l-ħajja ta' kuljum tal-persuna;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li tkun kwalifikata u liċenzjata li timplimenta attivitajiet speċifiċi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istandards jew id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet applikabbli, u li tkun reġistrata mal-korp professjonali rilevanti;

"valutazzjoni ġerjatrika komprensiva" tfisser proċess li jinkludi valutazzjoni multidimensjonali ta' persuna b'dipendenza li qed tiżdied, li tinkludi aspetti mediċi, fiżiċi, konjittivi, soċjali, u spiritwali. Dan il-proċess jista' jinkludi wkoll l-użu ta' strumenti ta' valutazzjoni standardizzati u l-involviment ta' tim ta' kura interdixxiplinari sabiex jgħin fil-proċess;

"ambjent favur persuni li jgħixu bid-dimenzja" tfisser ambjent li jiżgura s-sigurtà u jiffaċilita l-perċezzjoni u l-mobilità ta' persuni li jgħixu bid-dimenzja, li jnaqqas ir-riskju ta' konfużjoni u aġitazzjoni, u li jippromwovi l-indipendenza;

"faċilità" tfisser post fejn jiġu pprovduti servizzi ġerjatriċi, u li nbena apposta jew ġie adattat biex jakkomoda persuni anzjani bi ħtiġijiet ta' kura għal żmien qasir jew fit-tul u f'livelli varji. Il-post għandu jkollu t-tagħmir u l-apparat adattati speċifikament għal provvista ħolistika ta' kura u l-benesseri tar-residenti. Tkun ir-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jiżgura li kwalunkwe obbligu relatat mal-faċilità jiġi osservat, inklużi każijiet fejn il-post ma jkunx tal-provditur tas-servizz.

"servizz ta' kura ġerjatrika" tfisser qasam speċjalizzat li jittratta l-kura tas-saħħa, l-aspetti soċjali, u l-bżonnijiet preventivi ta' persuni anzjani, kemm fi stat ta' saħħa kif ukoll ta' mard. Servizzi ġerjatriċi jinkludu l-valutazzjoni, it-trattament u l-kura fuq żmien qasir u fit-tul għal persuni anzjani b'kundizzjonijiet fiżiċi, indeboliment konjittiv/dimenzja, jew bi bżonnijiet ta' appoġġ funzjonali. Dawn is-servizzi normalment jingħataw minn timijiet multidixxiplinari ta' professjonisti tas-saħħa bi kwalifiki speċifiċi u/jew b'esperjenza fil-proċessi ta' mard u korrimenti f'persuni anzjani;

"valutazzjoni ħolistika" tfisser il-proċess li permezz tiegħu l-i*staff* jidentifika l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-membri tal-komunità fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa, personali, emozzjonali, spiritwali u psikoloġika, il-protezzjoni u n-networking soċjali u sapport lill-familja, u jiddetermina liema servizzi għandhom jingħataw biex dawn il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet jiġu sodisfatti;

"tim ta' kura interdixxiplinari" tfisser tim magħmul minn numru ta' professjonisti minn firxa ta' dixxiplini li jaħdmu b'mod kollaborattiv sabiex jipprovdu kura komprensiva li tindirizza l-

ħtiġijiet tal-individwi li jkunu qed jagħmlu użu mis-servizz. It-tim jaħdem għal għan komuni, jikkondividi miri u responsabbiltajiet, u jimmobilizza r-riżorsi sabiex iwettaq ir-rwol tiegħu;

"rappreżentant maħtur legalment" tfisser persuna nominata mir-resident biex tinżamm infurmata dwar l-affarijiet personali tar-resident u tieħu deċiżjonijiet jew taġixxi f'isem ir-resident. Tali persuni ma jistgħux ikunu parti mill-maniġment jew l-i*staff* tal-provditur tas-servizz. Ir-resident jista' wkoll jiġi assenjat kustodju mill-Bord dwar il-Kustodja, f'liema każ ċerti deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-kustodju skont il-Kodiċi Ċivili;

"sodod liċenzjati" tfisser sodod li għandhom jintużaw minn persuni anzjani u li jkunu mħaddma b'liċenzja skont l-Istandards Regolatorji għal Servizzi Risidenzjali għal Persuni Anzjani. F'każ ta' kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja tas-sodda, id-detentur tal-liċenzja għandu jinżamm responsabbli;

"maniġment" tfisser persuni fil-faċilità li jkunu nominati biex jaġixxu f'isem il-provditur tas-servizz sabiex jipprovdu tmexxija lill-i*staff* u jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonament xieraq tas-servizzi offruti lir-residenti;

"kenn ta' billejl" tfisser servizz fejn persuni anzjani jattendu biex iqattgħu l-lejl, jaslu filgħaxija u jitilqu l-għada filgħodu;

"persuna anzjana" tfisser persuna ta' 'l fuq minn sittin sena;

"persuna anzjana li tgħix bid-dimenzja" tfisser persuna anzjana b'dijanjosi dokumentata ta' dimenzja, magħmula minn tabib liċenzjat u speċjalizzat jew minn psikologu speċjalizzat u awtorizzat, skont l-aħħar kriterji dijanjostiċi rikonoxxuti internazzjonalment. Il-kundizzjoni tista' tvarja minn stadji ħfief sa severi, fejn kull stadju jeħtieġ livelli addizzjonali u proporzjonati ta' kura u appoġġ, imfassla skont il-bżonnijiet konjittivi, funzjonali u psikosoċjali tal-individwu;

"indikatur ta' prestazzjoni" tfisser azzjoni indikattiva, iżda mhux eżawrjenti, li l-provditur tas-servizz għandu jieħu sabiex ikun konformi mal-Indikatur ta' Kwalità relatat. L-Awtorità tista' temenda dawn l-Indikaturi ta' Prestazzjoni fi kwalunkwe ħin u tista' wkoll tagħmel rakkomandazzjonijiet addizzjonali lill-provditur tas-servizz f'każ li jiġu nnutati xi prattiki li jmorru kontra l-Indikatur ta' Kwalità;

"pjan ta' kura personali" tfisser dokument ibbażat fuq valutazzjoni ġerjatrika komprensiva ta' resident li jiddeskrivi b'mod ċar il-pjan ġenerali ta' trattament, inkluż il-follow-up, kif ukoll lista ta' riżorsi preskritti mit-tim ta' kura interdixxiplinari;

"politiki u proċeduri" tfisser dokumenti maħruġin mill-maniġment li jirregolaw l-operat tas-servizz;

"portafoll" tfisser dokument li jiddeskrivi l-istorja u l-interessi tar-resident, u li jippermetti lill-i*staff* li jaħdem mar-resident biex jifhmu bħala individwu;

"indikatur ta' kwalità" tfisser dikjarazzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tinkiseb il-konformità ma' Standard partikolari. L-Awtorità tista' toħroġ Indikaturi ta' Prestazzjoni sabiex iservu bħala linjigwida, iżda hija r-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jiżgura li s-servizz liċenzjat jopera skont il-prinċipji stabbiliti fl-Indikatur ta' Kwalità;

"resident" tfisser persuna anzjana li teħtieġ servizz ġerjatriku u li tidħol fi ftehim ma' provditur ta' servizz sabiex tgħix f'dar ta' kura u tagħmel użu mis-servizzi offruti mid-dar;

"dar ta' kura residenzjali" tfisser il-provvista ta' kura residenzjali li tinkludi servizzi ta' kura medika, funzjonali, soċjali, ambjentali, u spiritwali għal persuni anzjani li jeħtieġu kura fuq żmien qasir jew fit-tul għall-benesseri tagħhom;

"kura restrittiva" tfisser kull metodu, fiżiku jew kimiku, użat biex jipprevjeni ħsara jew periklu imminenti għar-resident jew għal ħaddieħor. Kull użu ta' kura restrittiva għandu jiġi awtorizzat minn professjonist mediku u jingħata biss minn persuni li jkunu mħarrġa b'mod xieraq. Ir-rappreżentant maħtur legalment tar-resident ukoll għandu jagħti l-kunsens tiegħu u jkun infurmat dwar l-użu tagħha;

"valutazzjoni tar-riskju" tfisser il-proċess ta' evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' effetti negattivi fuq is-sigurtà u s-saħħa tar-residenti, tal-i*staff* u ta' terzi persuni minn perikli jew minn assenza ta' influwenzi benefiċi. Huwa eżami sistematiku tal-aspetti kollha ta' faċilità jew tal-kapaċitajiet ta' individwu, li jikkunsidra x'jista' jikkawża korriment jew ħsara; jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati; u liema miżuri preventivi jew protettivi hemm, jew għandu jkun hemm, sabiex jikkontrollaw ir-riskji;

"ftehim tas-servizz" tfisser ftehim bil-miktub bejn ir-resident jew ir-rappreżentant maħtur legalment tiegħu u l-provditur tas-servizz li jispeċifika, fost affarijiet oħra, is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, il-miżati u l-ħlasijiet relatati, jekk ikun hemm, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet, u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet;

"provditur tas-servizz" tfisser persuna jew organizzazzjoni li jipprovdu u joperaw servizz ta' kura ġerjatrika. Il-provditur tas-servizz għandu r-responsabbiltà finali li jiżguraw li r-rekwiżiti kollha ta' dawn l-Istandards Regolatorji jiġu sodisfatti matul iż-żmien kollu tal-provvista tas-servizz, inkluż kwalunkwe parti tal-operat li tiġi esternalizzata jew sottokuntrattata;

"*staff*" tfisser kull persuna li taħdem fil-faċilità, kemm jekk b'impjieg mal-provditur tas-servizz kif ukoll jekk skont ftehim ta' servizz (f'każ ta' outsourcing), inklużi kwalunkwe ħaddiema volontarji.

**SKEDA**
**(Regolament 2)**

***Standard* 1: Id-Drittijiet tar-Residenti**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* għandu l-għan li jiżgura li d-drittijiet fundamentali umani tar-residenti għad-dinjità u r-rispett jiġu salvagwardati, filwaqt li tiġi evitata d-diskriminazzjoni, tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva, jiġi żgurat approċċ ta' kura ħolistika u dinjituża, u jiġu rrispettati d-deċiżjonijiet u l-feedback tar-residenti, tal-qraba tagħhom, u tar-rappreżentanti maħtura legalment.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jassisti lir-residenti prospettivi, lil qrabathom u lir-rappreżentanti maħtura legalment tagħhom fit-teħid ta' deċiżjoni infurmata dwar jekk id-dar ta' kura residenzjali hijiex adattata għall-bżonnijiet tagħhom.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, b'rispett, dinjità u privatezza.
3. Il-maniġment u l-istaff għandhom jappoġġjaw lir-residenti sabiex iżommu r-relazzjonijiet eżistenti li għandhom u jiżviluppaw oħrajn ġodda.
4. Il-provditur tas-servizz għandu jimmassimizza l-kapaċità tar-residenti li jeżerċitaw l-awtonomija u l-għażla personali tagħhom, skont il-kapaċitajiet mentali tagħhom. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu konxji mill-għażliet tar-residenti u li r-residenti jingħataw żmien adegwat biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.
5. Il-provditur tas-servizz għandu jaħtar koordinatur għall-avvenimenti u jħeġġeġ lir-residenti biex jieħdu sehem attiv fl-ippjanar u l-provvediment ta' attivitajiet soċjali u rikreattivi.
6. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li d-drittijiet legali tar-residenti jkunu protetti u li r-residenti, qrabathom, u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet b'mod dirett u jipparteċipaw fil-proċess ċiviku, jekk ikunu jridu.
7. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti, il-familji tagħhom, u persuni sinifikanti oħra qrib tagħhom jingħataw kura palljativa ottimali u sapport, u li din il-kura palljativa tingħata b'sensittività, rispett, u dinjità.

***Standard* 2: Pjan ta' Kura Personali u Portafoll**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi d-drittijiet tar-residenti billi jiżgura l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u r-reviżjoni tal-pjan ta' kura personali u l-portafoll għal kull resident, sabiex jiġu stabbiliti kura ħolistika u l-assistenza meħtieġa, u jistabbilixxi objettivi li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li t-tim ta' kura interdixxiplinari jinvolvi lil kull resident fil-proċess ta' valutazzjoni relatat mal-bżonnijiet ħolistiċi u fl-assessjar ġerjatriku komprensiv mal-ammissjoni fid-dar ta' kura residenzjali, u għandu wkoll jiddokumenta bil-miktub kif il-ħtiġijiet tar-resident se jiġu indirizzati fil-formulazzjoni, fil-modifikazzjoni, u fir-reviżjoni tal-pjan ta' kura personali u l-portafoll.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-pjan ta' kura personali jiġi implimentat, u li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi ddokumentata u kkomunikata b'mod regolari lill-partijiet interessati kollha.

***Standard* 3: Is-Saħħa Personali u l-Kura Medika tar-Residenti**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw li s-saħħa personali, in-nutrizzjoni, il-benesseri u l-kura medika tar-residenti jkunu protetti u promossi. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li d-dar ta' kura residenzjali jkollha kopertura medika billi jappunta tobba li jaċċettaw li joffru l-assistenza professjonali tagħhom kull meta jkun meħtieġ.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Ir-residenti għandhom jirċievu dieta varjata, pjaċevoli, tajba għas-saħħa, u nutrittiva, li tkun adattata għall-ħtiġijiet tagħhom li jkunu evalwati individwalment u ddokumentati.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jippromwovi u jissalvagwarda s-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tar-residenti, u għandu jiżgura aċċess għal kull servizz tas-saħħa meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet evalwati tagħhom.
3. Il-provditur tas-servizz għandu jassisti lir-residenti biex jakkwistaw u jużaw il-medikazzjoni preskritta li jkunu jeħtieġu b'mod sigur.

***Standard* 4: Protezzjoni u Salvagwardja**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw il-protezzjoni, il-benesseri, u s-sigurtà tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li persuni kompetenti jagħmlu evalwazzjonijiet tal-perikli u r-riskji fid-dar ta' kura residenzjali, inklużi valutazzjonijiet tar-riskji mfassla skont il-ħtiġijiet individwali.

2. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tar-residenti kollha u tal-istaff jiġu promossi u protetti f'kull ħin.
3. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti huma protetti u salvagwardati minn kull forma ta' fastidju u abbuż
4. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti, il-qraba u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu kunfidenti li l-ilmenti se jiġu mismugħa, jittieħdu bis-serjetà, se tittieħed azzjoni dwarhom, u se jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

***Standard* 5: Ambjent fiżiku**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw li l-ambjent huwa stimolanti, akkoljenti, familjari, pjaċevoli u li jissodisfa l-ħtiġijiet tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-post, it-taqsim u l-ispazji esterni kollha tad-dar ta' kura residenzjali jkunu adattati għal persuni anzjani.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li d-dar ta' kura residenzjali tipprovdi lir-residenti tagħha kollha faċilitajiet interni u esterni, komuni u privati, li huma aċċessibbli, siguri, u komdi.
3. Il-provditur tas-servizz għandu jinkoraġġixxi lir-residenti jżommu l-ogħla livell possibbli ta' indipendenza.

***Standard* 6: Provvista tas-Servizz**

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw li t-tranżizzjoni tar-residenti għad-dar ta' kura residenzjali tkun faċilitata billi r-residenti jirċievu informazzjoni qabel u mal-aċċess għas-servizzi relatati, kif ukoll permezz ta' identifikazzjoni ta' servizzi alternattivi sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi opportunitajiet għar-residenti biex ikunu f'kuntatt mal-Awtorità, u għandu jżomm lill-istess Awtorità infurmata kull meta jsir xogħol ta' tisbiħ fid-dar ta' kura residenzjali. Is-servizzi fid-dar ta' kura residenzjali għandhom jiġu pprovduti sabiex jaqdu l-ħtiġijiet evalwati tar-residenti mal-ammissjoni tagħhom u kull meta dawn il-ħtiġijiet jinbidlu.

2. Il-provditur tas-servizz għandu jiffaċilita kemm jista' jkun it-tranżizzjoni ta' persuni anzjani li jkunu se jibdew jgħixu fid-dar ta' kura residenzjali, u għandu jiżgura li, f'każ ta' emerġenza jew meta s-servizz jintemm, ikun hemm pjanijiet alternattivi għar-rilokazzjoni tar-residenti.

### *Standard* 7: Maniġġjar tal-Kwalità tas-Servizz

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi d-drittijiet tar-residenti billi jiżgura li l-provditur tas-servizz jipprovdi kura u appoġġ ta' kwalità, ibbażati fuq titjib kontinwu, b'mod rispettuż u trasparenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li d-dar ta' kura residenzjali tkun immexxija minn persuna kompetenti u ta' karattru tajjeb, li kapaċi twettaq b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet marbuta mal-kariga.
2. Il-provditur tas-servizz għandu jimplimenta strateġiji ta' reklutaġġ trasparenti, jippjana għall-iżvilupp kontinwu tal-istaff, u jiżgura li l-istaff ikun imħarreġ u superviżjonat b'mod adattat, adegwat u fuq bażi regolari.

### *Standard* 8: Rappreżentanza Legali ta' Persuni li Jgħixu bid-Dimenzja

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* għandu l-għan li jiżgura li persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani, u li ma għandhomx il-kapaċità li jieħdu deċiżjoni, ikollhom rappreżentant maħtur legalment li jista' jiġi involut fil-kura tagħhom u jippromwovi l-interessi tagħhom.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jiżgura li kull persuna li tgħix bid-dimenzja, u li ma għandhiex il-kapaċità li tieħu deċiżjoni, ikollha rappreżentant maħtur legalment li jkun involut f'kull aspett tal-kura tagħha.

## *Standard* 9: Is-Saħħa Personali u l-Kura Medika tar-Residenti li Jgħixu bid-Dimenzja

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jiżgura li l-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani jkollu salvagwardji addizzjonali fis-seħħ li jipproteġu s-saħħa tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Ir-residenti għandhom jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex ikunu jistgħu jieklu u jixorbu b'mod sigur.
2. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jissuperviżjona l-ħtiġijiet tas-saħħa tar-residenti u jiżgura li dawn ikunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa b'mod adegwat u konvenjenti.
3. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jiżgura li l-mediċini użati biex tiġi mmaniġġjata mġiba diffiċli jiġu amministrati b'mod responsabbli.

## Standard 10: L-Ambjent Fiżiku għal Persuni li Jgħixu bid-Dimenzja

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw li l-ambjent ikun stimolanti, akkoljenti, familjari, pjaċevoli, u jgħin biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tar-residenti.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jiżgura li l-bini u t-taqsim tad-dar ta' kura residenzjali u l-artijiet ta' madwarha huma adattati għal persuni li jgħixu bid-dimenzja.
2. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jiżgura li jkunu fis-seħħ adattamenti li jippermettu lir-residenti biex jorjentaw ruħhom u jimmanuvraw b'mod sigur fl-ambjent tagħhom.

## Standard 11: Maniġġjar tal-Kwalità tas-Servizz għal Persuni li Jgħixu bid-Dimenzja

**Stqarrija tal-*Istandard*:**

Dan l-I*standard* jippromwovi drittijiet li jiżguraw li l-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jkun responsabbli biex jipprovdi servizzi u appoġġ ta' kwalità, ibbażati fuq kompetenza u titjib kontinwu.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz għal persuni li jgħixu bid-dimenzja fi djar ta' kura residenzjali għal persuni anzjani għandu jiżgura li d-dar ta' kura residenzjali tkun immaniġġjata minn persuna kompetenti li tirrekluta u tissorvelja staff li jkun imħarreġ b'mod adegwat biex jaħdem ma' persuni li jgħixu bid-dimenzja.